## Is-Sibtijiet tal-Bambina

Nhar is-Sibt li ġej 6 ta' Ġunju 2009, ser jiftħu s-Sibtijiet bi tħejjija għall-festa ta' Marija Bambina. Mal-Bullettin tal-ġimgħa d-dieħla, ser tirċievu programm dettaljat. Fis-7.00pm jibda r-Rużarju u fis-7.30pm quddiesa bil-prietka tal-okkażjoni.

## Il-Ġimgħa Pawlina

Illum il-Ħadd tiġi fi tmiemha l-Ġimgħa Pawlina. **Fil-11.00am** ikollna quddiesa mmexxija mill-W.R. Fr. Louis Mallia MSSP bis-sehem tal-patrijiet u novizzi tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl.

## *Is-Sebgħa Doni ta' L-Ispirtu Santu*

**L-GĦERF:** biex l-insara jiggustaw aktar il-ħwejjeġ tas-Sema u jinħallu minn dawk tad-dinja.

**IL-FEHMA:** biex l-insara jagħrfu aħjar il-veritajiet tal-fidi.

**IL-KUNSILL:** biex l-insara jagħżlu dak li l-aktar jaqbel għall-glorja ta' Alla.

**IL-QAWWA:** biex l-insara, bħal suldati qalbiena ta' Ġesù Kristu, jirbħu kull tfixkil spiritwali.

**IX-XJENZA:** biex l-insara jintebħu li ma jistax ikun hemm progress xjentifiku 'l bogħod minn Alla.

**IL-PJETÀ:** biex l-insara jqimu 'l Alla Missier tagħhom b'imħabba ta' veri wlied.

**IL-BIŻA' TA' ALLA:** biex l-insara jitbegħedu minn dak kollu li jista' ma jogħġobx 'l Alla.

### IN-NOVENA TAL-KORPUS

Nhar il-Ġimgħa jibdew disat ijiem ta' tħejjija għas-Solennità tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej, liema Novena għandha ssir l-aktar fil-familja tat-tfal ta' Year 3, jiġifieri fil-familji ta' dawk li din is-sena ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina.

### ĊIMITERJU PARROKKJALI

B'sodisfazzjon ninnutaw li wara x-xhur tax-xitwa u xita, issa qed jitkompla l-bini taċ-Ċimiterju Parrokkjali. Matul din il-ġimgħa dawk kollha li applikaw biex ikollhom qabar ġdid ser jirċievu ittra biex ikunu jistgħu jiġu fl-Uffiċċju Parrokkjali jpoġġu depożitu. Neħtieġu dawn il-flus f'idejna minħabba li rridu nħallsu x-xogħol kbir li diġa sar.

# L-ISQOF TA' GARISSA... Ġej iżurna

Fl-okkażjoni tal-Ewwel Sibt tal-Bambina, nhar is-6 ta' Ġunju 2009, ser ikollna fostna lill-E.T. Mons. Isqof Pawlu Darmanin, sabiex jiċċelebra l-25 anniversarju mill-ordinazzjoni tiegħu bħala Isqof ta' Garissa fil-Kenya. Kif tafu l-parroċċa tagħna hi ġemellata mad-Djoċesi ta' Garissa, u għalhekk il-ġbir kollu li jsir f'din l-okkażjoni jkun għall-missjoni tal-Kenya.



**E.T. Mons. Pawlu Darmanin OFMCap Isqof ta' Garissa Kenya**

## *XI TAGĦRIF INTERESSANTI*

- **L-aħħar quddiesa:** Minn għada t-Tnejn l-1 ta' Ġunju 2009, il-quddiesa ta' filgħaxija toħroġ fis-7.30pm. It-talba tar-Rużarju tibda fis-7.00pm.
- **L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar:** Ġunju huwa x-xahar tal-Qalb ta' Ġesù. Nhar il-Ġimgħa ser ikollna jum ta' Adorazzjoni.
- **Il-Moviment Gradwati Għawdxin** jistieden lill-gradwati u l-professjonisti għall-quddiesa tal-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar, 5 ta' Ġunju fil-Knisja ta' Santu Wistin Victoria fit-8.30pm.
- **Indafa fil-Knisja:** Nagħmlu appell biex il-knisja tinżamm fi stat nadif.
- **Ilbies Deċenti fil-Knisja:** Il-maturità nisranija għandha tintwera fl-ilbies tagħna speċjalment meta niġu l-Knisja li hija d-Dar ta' Alla.

### Agħtihom O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem

- Maria Galea u l-familja joffru €11 b'suffraġju tal-għeżież ġenituri tagħha Toni u Mananni Theuma.
- Maria Magrin u l-familja joffru €12 b'suffraġju tal-għeżież ġenituri tagħha Wiġi u Francesca Vella.
- Victor Said u l-familja joffru €20 b'suffraġju tal-għażiż missieru M'Anġelo Said.
- Karmenu Grima u wliedu joffru €20 b'suffraġju tal-għażiża martu u ommhom Margaret Grima.